# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Novembru, 2000**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 853/95 JF**

**Costantino u Angela mizzewgin Muscat, Victoria u Emanuel mizzewgin Chetchuti, Teresa armla ta' Paolo Borg, Giuseppa u Francesco mizzewgin Bongailas, John u Concetta mizzewgin Muscat, u Carmela u Francesco mizzewgin Grech.**

**Vs**

**Giorgia u Emanuel mizzewgin**

**Casha u ghal interess li ghandha Agnese Muscat.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjon ta' l-atturi li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi Giovanni Muscat, missier il-kontendenti, li miet fil-25 ta' Awissu 1994, kellu fil-komunjoni ma' martu premorta, il-fond 120 The Strand, Gzira;

U premess illi Giovanni Muscat ittrasferixxa fittizjalment lill-konvenuti Giorgia u Emanuel mizzewgin Casha n-nofs inidiviz tal-imsemmi fond b'kuntratt ta' bejgh in atti Anthony Grech Trapani tat-12 ta' Dicembru 1988, kif jigi pruvat;

U premess li dan il-kuntratt huwa rexindibbli ghaliex simulat u huwa lesiv tad-drittijiet successjorji tal-atturi;

Talbu li din il-Qorti prevja li :

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' bejgh hawn fuq imsemmi tat-12 ta' Dicembru 1988 huwa simulat u lesiv tad-drittijiet successorji tal-atturi;

2. Tirrexindi l-istess kuntratt ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-effetti kontra l-konvenuti, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 998/95, kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kovenuti fejn eccepew illi:-

1. Fl-ewwel lok, mhux minnu li l-atturi kollha msemmija qed jagixxu u riedu jagixxu, u fin-nuqqas ta' konferma tal-azzjoni taghhom, dan il-gudizzju mhux integru;

2. Fit-tieni lok, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-eccipjenti ghandhom titlu validu fil-ligi li bih akkwistaw.

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn eccepew illi:

**1)** din hija azzjoni ghal rexissjoni tal-kuntratt tat-12 ta' Dicembru 1988 u ghalhekk hija preskrivibbli bid-dekors ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili jew fl-aghar ipotesi bid-dekors ta' hames snin skond l-artikolu 1224 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-atturi wara li ppremettew is-segwenti, u cjoe' li

1. Giovanni Muscat, missier il-kontendenti, miet fil-25 ta' Awissu 1994 u dan kellu fil-komunjoni ma' martu premorta l-fond numru 120, The Strand, Gzira;

2. li dan Giovanni Muscat ittrasferixxa fittizjament lill-konvenuti Giorgia u Emanuel, mizzewgin Casha, in-nofs indiviz tal-imsemmi fond b'kuntratt ta' bejgh in atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tat-12 ta' Dicembru 1988, u

3. li dan il-kuntratt huwa rexindibbli ghaliex simulat u huwa lesiv tad-drittijiet successjorji taghhom (i.e. ta' l-atturi).

Illi filwaqt li ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-kontendenti rigward l-ewwel premessa fuq dedotta, il-konvenuti eccepew

i. li, in kwantu lilhom ma jirrizultalhomx li kien minnu li l-atturi kollha kienu intenzjonati li jintavolaw din il-procedura allura, fin-nuqqas ta' konferma taghhom, dan il-gudizzju mhux integru u

ii. fil-meritu li t-talbiet huma infondati ghax it-titlu li bih huma akkwistaw il-fond de quo kien legalment validu; u ulterjorment ukoll

iii. il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artiklu 1222 tal-Kap 16, oppure, fl-aghar ipotesi, dik kwinkennali a tenur tal-artikolu 1224.

Il-Qorti tibda billi tosserva li t-tielet premessa ta' l-atturi fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll il-prezenza flimkien ta' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici fl-istess att holqulha perplessita' in kwantu sabitha ferm difficli biex tirrikoncilja l-wahda ma' l-ohra, u dan multo magis fid-dawl ta' l-eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti. Id-diffikulta' li sabet il-Qorti, u li dwarha sar accenn estensiv mill-konvenuti f'wahda min-noti taghhom, hija dik li jekk tassew hawn si trattava allegata simulazzjoni m'huwiex allura l-kaz li jigi premess u wisq anqas tintalab ir-rexissjoni tal-att impunjat, billi jidher li wahda teskludi lill-ohra. U f'dan is-sens allura l-azzjoni tal-atturi m'hijiex cara bizzejjed, hija ekwipollenti, u ghalhekk tikkreja diffikultajiet ghal fini ta' rizoluzzjoni tal-vertenza. X'inhija tassew l-azzjoni attrici? Wahda ta' simulazzjoni jew wahda ta' rexissjoni? Din id-domanda

hija wahda krucjali l-ghaliex anke biex, fost konsiderazzjonijiet ohra, tigi determinata u deciza liema terminu preskrittiv ghandu japplika – jekk hux ta' sentejn, hames snin jew addirittura wiehed ta' tletin sena (kif sottomess mill-atturi) jiddependi hafna minn risposta ghal dan il-kwezit li mhux facli jsib risposta ghalih fl-att tac-citazzjoni. L-istess atturi fin-nota twila ta' riferenzi – ara fol. 83 – 87 – isemmu u jiccitaw gurisprudenza li twaqqa' in parte u mhux isahhah l-azzjoni minnhom proposta. Hekk, per ezempju, jiccitaw decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili in re: Grech et vs Zammit (Koll. Vol XVI – p.332) tas-16 ta' Novembru 1897 fejn saret distinzjoni bejn l-azzjoni rexissorja minn dik ta' simulazzjoni (haga li l-atturi donnhom ma jaghmlux) u li fiha gie inoltre ritenut li;

*"L'azione di simulazione non puo' confondersi colla rescissoria, poiche chi la esercita mira ad ottenere la dichiarazione dell'inesistenza dell'atto, cui le parti non intesero mai attribuire alcuna esistenza legale ad alcuna efficacia. Quindi l'azione di simulazione e' soggetta soltanto alla prescrizione trigenaria stabilita' nello art. 1907 della detta Ordinanza ….."*

kif tista' l-Qorti tirrikonciljadan kollu mat-tieni domanda tal-atturi? Huwa wisq semplicistiku l-mod kif l-atturi filwaqt li jirreferu ghal sentenzi bhal dik fil-kawza fl-ismijiet: Micallef Grimaud vs Sammut ta;=20 ta' April 1925 fejn inghad li f'kaz ta' nullita' minhabba simulazzjoni, li tinvolvi wkoll l-azzjoni pawljana, il-preskrizzjoni

applikabbli hija ta' tletin sena, fl-istess waqt qeghdin jitolbu specifikament ir-rexissjoni tal-att minnhom impunjat, li huwa kontro-sens. Fi kliem iehor, il-Qorti filwaqt li taqbel li f'kawza ta' simulazzjoni la hija applikabbli l-preskrizzjoni tas-sentejn u lanqas dik ta' hames snin ghax dik applikabbli hija l-preskrizzjoni trigennarja, fl-istess waqt pero' ma tistax tara kif l-istess jista' qatt japplika ghal dak li qeghdin jitolbu l-atturi fit-tieni talba taghhom.

Illi fil-fehma tal-Qorti, u kif del resto gustament gie sottomess mill-konvenuti, f'azzjoni ta' simulazzjoni ta' att, dak l-att huwa null <u>ab initio</u>, mentri f'kaz ta' azzjoni ta' rexissjoni l-premessa hija li att li fih innifsu jidher validu jista' jigi annullat.

Illi huwa utli li f'dan l-istadju ssir referenza ghall-provi li gew prodotti. Mill-provi prodotti – min-naha ta' l-atturi ghaliex il-konvenuti jistriehu fuq id-dikjarazzjoni taghhom u fuq kontroezami tax-xhieda avversarja – jirrizulta li dak li l-aktar induca lill-atturi biex jikkonkludu li kien hemm att simulat kien gej mill-fatt li nofs indiviz ta' fond allegatament mibjugh mill-missier tal-kontendenti lill-konvenut ghall-prezz ta' elfejn lira (Lm2,000) kif jidher mill-att impunjat. Skond huma, dan il-prezz baxx kien wiehed bilfors fittizju specjalment meta tikkunsidra li snin qabel il-fond kien gie akkwistat ghas-somma ta' Lm1,900 u xi snin wara l-allegat bejgh bejn missier il-kontendenti u l-konvenuti sar diskors ma' terzi li kienu lesti joffru prezzijiet ta' madwar Lm80,000. Il-Qorti jidhrilha li ghalkemm huwa minnu li l-prezz dikjarat ta'

Lm2,000 huwa wiehed baxx b'daqstant pero' ma jfissirx bilfors li allura hawn si trattava ta' "donazzjoni paljata" intiza biex iccahhad lill-atturi mill-eventwali legittima li thalliet lilhom mill-missier. Il-provi f'dan ir-rigward min-naha ta' l-atturi huma wisq insufficjenti biex iwasslu ghal dan. Ibda biex lanqas biss gew esebiti xi testmenti biex juru min kienu l-werrieta u l-legittimarji ta' Giovanni Muscat, la provi dwar il-konsistenza tal-assi ereditarja u l-provi dwar l-intenzjoni tal-partijiet li ffirmaw il-kuntratt ta' bejgh impunjat hija biss dezunta mhux biss il-ghaliex Giovanni Muscat huwa llum mejjet imma wkoll il-ghaliex il-konvenuti cahdu dak li gie addebitat lilhom. Huwa veru li l-konvenuti ghazlu li ma jixhdux imma l-atturi dejjem setghu tellghuhom in subizzjoni. Quddiem ic-certezza tal-iskritt kif jemani minn att notarili, il-konvenuti ma kellhom jippruvaw xejn. In-nutar li gie prodott b'xhud mill-atturi, igifieri in-nutar Alex Sceberras Trigona, ma xehedx dwar l-att impunjat imma dwar cirkostanzi relativi ghal kuntratt iehor ma' terz. Ma saritx u ma tirrizultax ghalhekk il-prova li kien hemm dak li l-atturi ddeskrivew fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom bhala "donazzjoni paljata". L-atturi allegaw ukoll li lanqas il-prezz dikjarat ta' Lm2,000 ma gie imhallas lill-missier imma lanqas din ic-cirkostanza ma hija assodata imma biss kongettura.

Illi fit-tieni nota taghhom, l-atturi (ara para. 6, fol. 137 tal-process) issottomettew li s-simulazzjoni adoperata, skond huma, mill-konvenuti kienet wahda "relativa" u mhux wahda "assoluta", imma nonostante dina d-deskrizzjoni huma xorta wahda jkomplu jelaboraw

li hawn si tratta ta' nullita' – u kwindi mhux ta' rexissjoni kif mitlub. Illi jekk imbaghad kien kaz ta' rexissjoni l-preskrizzjoni talvolta applikabbli qatt ma kienet teccedi dik kwinkennali u trattandosi ta' kuntratt maghmul fit-12 ta' Dicembru 1988 u c-citazzjoni giet ipprezentata fis-27 ta' Gunju 1995, allura anke t-tieni talba hija milquta bil-preskrizzjoni skond l-artiklu 1224 tal-Kodici Civili, jekk mhux addirittura b'dik aqsar ta' sentejn. F'kull kaz pero' lanqas l-ewwel talba ma tista' tigi akkolta ghax ma gietx sufficjentement ippruvata.

Mela mis-suespost ghandu jirrizulta li kif gew dedotti flimkien iz-zewg talbiet attrici huma improponibbli minn punto di vista proceduarali, li f'kull kaz l-ewwel talba ma tirrizultax sufficjentement ippruvata, u fit-tielet lok l-ahhar talba hija preskritta;

Ghaldaqstanta tiddeciedi li ghar-ragunijet imsemmijin fil-paragrafu precedenti tichad it-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md